PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0228(CNS)

10.9.2008

EMENDI
43 - 159

Abbozz ta' rapport
Ewa Klamt
(PE409.459v02-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin

Proposta għal direttiva
(COM(2007)0637 – C6-0011/2007 – 2007/0228(CNS))

Emenda 43
Armando França

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5-A) Il-Parlament Ewropew għandu jikkontribwixxi lejn il-promozzjoni tal-politiki li għandhom l-għan li jagħmlu s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri aktar dinamiċi u jsaħħu l-ekonomija tal-UE filwaqt li ma jippreġudikawx l-iżvilupp tal-pajjiżi terzi li minnhom jiġu l-emigranti. Fid-dawl ta' dan, il-koperazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati llum hija essenzjali biex ikun hemm żvilupp globali sostenibbli u politika xierqa dwar il- migrazzjoni. Filwaqt li hija importanti għall-ekonomija tal-UE, il-karta l-blu (blue card) madankollu ġġorr magħha r-riskju ta' telf ta' talenti li jrid ikun evitat. Għalhekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri li jippromwovu l-'moviment ċirkolari tat-talenti' li permezz tagħhom l-immigranti bi kwalifiki għolja jkunu jistgħu jmorru lura fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

Or. pt

Emenda 44
Armando França

Proposta għal direttiva
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5-B) Fl-għexieren ta' snin riċenti, l-UE operat politika sinifikanti ta' żivlupp li tappoġġja l-pajjiżi terzi l-anqas żviluppati, hu dan huwa essenzjali sabiex jiġu stabbiliti ftehimiet ta' koperazzjoni ma' dawk il-pajjiżi, speċjalment f'dak li

jirrigwarda l-immigrazzjoni, bil-għan li jkunu protetti l-ħtiġijiet tal-Unjoni Ewropea u l-iżvilupp ta' pajjiżi terzi li minnhom jiġu l-immigrati bi kwalifiki għolja, pereżempju billi jiġu proposti soluzzjonijiet għall-problema tat-'telf tat-talenti'.

Or. pt

Emenda 45
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proċess ta' Liżbona huwa importanti wkoll li *titħaddan* il-mobilità ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja li huma ċittadini ta' l-UE fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari mill-Istati Membri li daħlu fl-UE fl-2004 u l-2007. ***Bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta li jirrispettaw il-prinċipju ta' preferenza tal-Komunità kif espress b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u l-25 ta' April 2005.***	(6) Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proċess ta' Liżbona huwa importanti wkoll li *titrawwem* il-mobilità ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja li huma ċittadini tal-UE fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari mill-Istati Membri li daħlu fl-UE fl-2004 u l-2007.

Or. it

Emenda 46
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Din id-Direttiva għandha l-għan li tikkontribwixxi fil-kisba ta' dawn l-għanijiet u tindirizza dawn in-nuqqasijiet	(7) Din id-Direttiva għandha l-għan li tikkontribwixxi fil-kisba ta' dawn l-għanijiet u tindirizza dawn in-nuqqasijiet

ta' xogħol billi tħaddan id-dħul u l-mobilità - għall-iskopijiet ta' impjieg bi kwalifiki għolja - ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal perjodu ta' iktar minn tliet xhur, sabiex il-Komunità tidher iktar attraenti għal ħaddiema bħal dawn minn madwar id-dinja u biex tappoġja l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tagħha. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa neċessarju li jkun iffaċilitat id-dħul ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja u l-membri familjari tagħhom billi titwaqqaf proċedura rapida ta' dħul u billi jingħataw drittijiet soċjali u ekonomiċi indaqs bħaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li qed jilqahom ***f'ċerti oqsma. Għal dak li jikkonċerna dawn id-drittijiet, din id-Direttiva tibni fuq id-dispożizzjoni korrespondenti tad-Direttiva... ["dwar proċedura ta' applikazzjoni waħdanija għal permess waħdani għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jirresjedi u jaħdem fit-territorju ta' Stat Membru u dwar għadd komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjizi terzi li jirresjedu legalment fi Stat Membru"].***	ta' xogħol billi tħaddan id-dħul u l-mobilità - għall-iskopijiet ta' impjieg bi kwalifiki għolja - ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal perjodu ta' iktar minn tliet xhur, sabiex il-Komunità tidher iktar attraenti għal ħaddiema bħal dawn minn madwar id-dinja u biex tappoġja l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tagħha. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa neċessarju li jkun iffaċilitat id-dħul ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja u l-membri familjari tagħhom billi titwaqqaf proċedura rapida ta' dħul u billi jingħataw drittijiet soċjali u ekonomiċi indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li qed jilqahom f'ċerti oqsma.
	Or. it

Emenda 47
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal-***limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq*** kwalifiki professjonali. ***Id-definizzjoni ta' denominatur komuni minimu għall-limitu nazzjonali ta' salarji huwa meħtieġ biex ikun żgurat livell minimu ta' armonizzazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' dħul fl-UE kollha. L-***	(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħall-kwalifiki professjonali. ***Għandu japplika l-prinċipju ta' salarju ugwali għall-istess xogħol.***

Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.

Or. en

Emenda 48
Roselyne Lefrançois

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal-***limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq*** kwalifiki professjonali. ***Id-definizzjoni ta' denominatur komuni minimu għall-limitu nazzjonali ta' salarji*** huwa meħtieġ biex ikun żgurat ***livell minimu ta' armonizzazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' dħul fl-UE kollha***. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.***	(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħall-kwalifiki professjonali. ***L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' 'salarju ugwali għall-istess xogħol'*** hija meħtieġa biex ikun żgurat ***li ċ-ċittadini u ċ-ċittadni ta' pajjżi terzi jkunu trattati l-istess***.

Or. fr

Emenda 49
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi	(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi

għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal-***limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq*** kwalifiki professjonali. ***Id-definizzjoni ta' denominatur komuni minimu għall-limitu nazzjonali ta' salarji huwa meħtieġ biex ikun żgurat livell minimu ta' armonizzazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' dħul fl-UE kollha. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.***

għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħall-kwalifiki professjonali ***u salarji regolati mill-ftehimiet kollettivi applikabbli jew mill-prattiki tas-settur ta' attività rilevanti tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 50
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal-***limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq*** kwalifiki professjonali. ***Id-definizzjoni ta' denominatur komuni minimu għall-limitu nazzjonali ta' salarji*** huwa meħtieġ biex ikun żgurat ***livell minimu ta' armonizzazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' dħul fl-UE kollha***. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.	(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli ***li tqis id-domanda, l-istat tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri u l-potenzjal ta' valur miżjud offrut minn dawn il-ħaddiema u*** bbażata fuq kriterji oġġettivi bħall-kwalifiki professjonali ***u l-esperjenza.*** L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.

Or. es

Emenda 51
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal-limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq kwalifiki professjonali. ***Id-definizzjoni ta' denominatur komuni minimu għall-limitu nazzjonali ta' salarji huwa meħtieġ biex ikun żgurat livell minimu ta' armonizzazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' dħul fl-UE kollha.*** L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.	(10) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sistema ta' dħul flessibbli li tiddependi fuq id-domanda, ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal-limitu minimu ta' salarju kumparabbli mal-livelli ta' salarji fl-Istati Membri u fuq kwalifiki professjonali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom skond is-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom u l-politiki ta' immigrazzjoni ġenerali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-determinazzjoni tas-salarji mhix kompetenza tal-UE.

Emenda 52
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) F'dak li jirrigwarda d-derogi mill-iskema prinċipali tal-livelli tas-salarji għall-applikanti bi kwalifiki għolja taħt it-30 sena li, minħabba l-esperjenza professjonali limitata tagħhom u l-	***imħassra***

pożizzjoni tagħom fis-suq tax-xogħol, jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' salarju ta' l-iskema ewlenija jew, għal dawk li kisbu l-kwalifiki tagħhom ta' edukazzjoni ogħla fl-Unjoni Ewropa.

Or. en

Emenda 53
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) F'dak li jirrigwarda d-derogi mill-iskema prinċipali tal-livelli tas-salarji għall-applikanti bi kwalifiki għolja taħt it-30 sena li, minħabba l-esperjenza professjonali limitata tagħhom u l-pożizzjoni tagħom fis-suq tax-xogħol, jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' salarju ta' l-iskema ewlenija jew, għal dawk li kisbu l-kwalifiki tagħhom ta' edukazzjoni ogħla fl-Unjoni Ewropa.	***imħassra***

Or. en

Emenda 54
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) *F'dak li jirrigwarda* d-derogi mill-iskema prinċipali tal-livelli tas-salarji għall-applikanti bi kwalifiki għolja taħt it-***30*** sena li, minħabba l-esperjenza professjonali limitata tagħhom u l-	(11) *Għandu jkun hemm* derogi mill-iskema prinċipali tal-livelli tas-salarji għall-applikanti bi kwalifiki għolja taħt it-***35*** sena li, minħabba l-esperjenza professjonali limitata tagħhom u l-

pożizzjoni tagħom fis-suq tax-xogħol, jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' salarju ta' l-iskema ewlenija jew, għal dawk li kisbu l-kwalifiki tagħhom ta' edukazzjoni ogħla fl-Unjoni Ewropa.	pożizzjoni tagħom fis-suq tax-xogħol, jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' salarju tal-iskema ewlenija jew, għal dawk li kisbu l-kwalifiki tagħhom ta' edukazzjoni ogħla fl-Unjoni Ewropa.
	Or. en

Emenda 55
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-mobilità okkupazzjonali u ġeografika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja għandha tiġi rikonoxxuta bħala mekkaniżmu ewlieni għat-titjib ta' l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, għall-prevenzjoni tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet u għall-kumpens ta' l-iżbilanċi reġjonali. ***Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza tal-Komunità u sabiex jiġu evitati abbużi possibbli tas-sistema, il-mobilità okkupazzjonali ta' ċittadin terz bi kwalifiki ogħla għandha tkun limitata għall-ewwel sentejn ta' residenza legali fi Stat Membru.***	(15) Il-mobilità okkupazzjonali u ġeografika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja għandha tiġi rikonoxxuta bħala mekkaniżmu ewlieni għat-titjib tal-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, għall-prevenzjoni tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet u għall-kumpens tal-iżbilanċi reġjonali.
	Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-limiti proposti mill-Artikolu fid-Direttiva jeskludu b'mod mhux ġustifikat xi kategoriji mill-opportunità li jiksbu l-Karta l-Blu.

Emenda 56
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-mobilità okkupazzjonali u ġeografika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja għandha tiġi rikonoxxuta bħala mekkaniżmu ewlieni għat-titjib ta' l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, għall-prevenzjoni tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet u għall-kumpens ta' l-iżbilanċi reġjonali. ***Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza tal-Komunità u sabiex jiġu evitati abbużi possibbli tas-sistema, il-mobilità okkupazzjonali ta' ċittadin terz bi kwalifiki ogħla għandha tkun limitata għall-ewwel sentejn ta' residenza legali fi Stat Membru.***	(15) Il-mobilità okkupazzjonali u ġeografika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja għandha tiġi rikonoxxuta bħala mekkaniżmu ewlieni għat-titjib tal-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, għall-prevenzjoni tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet u għall-kumpens tal-iżbilanċi reġjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Burokrazija. Din ixekkel l-objettiv tal-proposta u ma toffri għajnuna ta' xejn fit-tentattiv biex l-UE ssir aktar attraenti għall-ħaddiema bi kwalifiki għolja.

Emenda 57
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-mobilità ġeografika fl-UE għandha tkun ikkontrollata u dipendenti fuq id-domanda matul l-ewwel perjodu ta' residenza legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Ladarba jingħata status ta' residenza għat-tul KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lil dawn il-ħaddiema meta	(16) Il-mobilità ġeografika fl-UE għandha tkun ikkontrollata u dipendenti fuq id-domanda matul l-ewwel perjodu ta' residenza legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Ladarba jingħata status ta' residenza għat-tul *fil*-KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lil dawn il-ħaddiema

jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-mobilità fl-UE nnifisha. Id-derogi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul għandhom ikunu inklużi sabiex ma jippenalizzawx ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja ġeografikament mobbli li għadhom ma kisbux l-istatus ta' resident KE għat-tul, u biex tkun imħeġġa l-migrazzjoni ġeografika u ċikolari.

qabel ħaddiema oħra minn pajjiżi terzi li japplikaw għall-Karta l-Blue, meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-mobilità fl-UE nnifisha. Id-derogi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul għandhom ikunu inklużi sabiex ma jippenalizzawx ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja ġeografikament mobbli li għadhom ma kisbux l-istatus ta' resident *tal*-KE għat-tul, u biex tkun imħeġġa l-migrazzjoni ġeografika u ċikolari.

Or. en

Emenda 58
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja bejn il-Komunità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom *għandha titrawwem u tiġi appoġġjata*. Id-derogi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul *għandhom ikunu previsti* sabiex jiġi estiż il-perjodu ta' assenza mit-territorju tal-Komunità li m'huwiex ikkunsidrat għall-kalkolu tal-perjodu ta' residenza legali u kontinwa neċessarja għall-eliġibilità għall-istatus ta' resident tal-KE għat-tul. Perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE għandhom jingħataw wara ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja jkunu kisbu l-istatus ta' residenza tal-KE għat-tul. B'mod partikolari, biex titħeġġeġ il-migrazzjoni ċirkolari ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi li joriġinaw mill-pajjiżi li qed	(17) *Għandha titrawwem u tiġi appoġġjata* l-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja bejn il-Komunità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom . *Għandhom ikunu previsti* derogi mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul sabiex jiġi estiż il-perjodu ta' assenza mit-territorju tal-Komunità li m'huwiex ikkunsidrat għall-kalkolu tal-perjodu ta' residenza legali u kontinwa neċessarja għall-eliġibilità għall-istatus ta' resident tal-KE għat-tul. Perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE għandhom jingħataw wara *li* ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja jkunu kisbu l-istatus ta' residenza tal-KE għat-tul. B'mod partikolari, biex titħeġġeġ il-migrazzjoni ċirkolari ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi li joriġinaw mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-Istati

jiżviluppaw, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' possibilitajiet offruti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex tippermetti perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom f'din id-Direttiva. Sabiex tkun żgurata l-***konsistenza*** b'mod partikolar *ma' l-iżvilupp għaddej* ta' l-għanijiet, ***dawn id-derogi għandhom japplikaw biss jekk jista' jiġi ppruvat li l-persuna kkonċernata rritornat lura għall-pajjiżha għal raġunijiet ta' xogħol, studju jew attivitajiet ta' volontarjat***.

Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' possibilitajiet offruti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex tippermetti perjodi itwal ta' assenza minn dawk li hemm dispożizzjoni dwarhom f'din id-Direttiva. Sabiex tkun żgurata l-konsistenza, b'mod partikulari *mal-objettivi tal-iżvilupp,* ***kif definiti fl-Artikolu 178 tat-Trattat KE, jeħtieġ li jsir enfasi fuq ħames objettivi sabiex tiġi inkoraġġuta l-migrazzjoni ċirkolari, li huma: 1) it-taħriġ ta' biżżejjed ħaddiema fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħhom stess; 2) l-inkoraġġiment ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja biex jibqgħu f'pajjiżhom; 3) il-promozzjoni tar-ritorn volontarju lejn il-pajjiż tal-oriġini billi jiġu ffaċilitati s-sikurezza soċjali u finanzjarja; 4) ir-reklutaġġ etiku skont kodiċi ta' kondotta li jorbot, u 5) l-implimentazzjoni ta' standards dwar iċ-ċittadinanza doppja u l-istipular ta' garanziji f'dak li jirrigwarda d-diplomi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li ħaddiem minn pajjiż terz jirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu biss fil-każ li jista' jkun pruvat li dan sar minħabba raġunijiet ta' xogħol, studju jew attivitajiet ta' volontarjat huwa ostaklu amministrattiv bla bżonn u joffri xkiel ieħor lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jmorru lura fl-UE wara perjodu ta' assenza - pereżempju fil-każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jintalab li jkun fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu minħabba raġunijiet personali jew ta' familja.

Emenda 59
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom joqgħodu lura milli jwettqu reklutaġġ ***attiv*** f'setturi li qed ibgħatu minn nuqqas ta'	(20) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom joqgħodu lura milli jwettqu, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, reklutaġġ f'setturi li qed

riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Politiki u prinċipji ta' reklutaġġ etiku applikabbli għall-imjegati tas-settur pubbliku u privat *għandu jiġi żviluppat* partikolarment fis-settur tas-saħħa, kif enfasizzat fil-konklużjoni tal-Kunsill u l-Istati Membri fl-14 ta' Mejju 2007 dwar il-Programm Ewropew għal Azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas kritiku ta' ħaddiema tas-saħħa fil-pajjżi li qed jiżviluppaw (2007-2013). Dawn għandhom jissaħħu bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi, linji gwida u għodod oħra biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari u termporanja, kif ukoll miżuri oħra li jnaqqsu l-effetti negattivi u jżidu l-effetti *pożittiv* ta' immigrazzjoni *ta' kapaċità* għolja fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kwalunkwe intervent ta' dan it-tip għandu jittieħed konformi mal-linji tad-Dikjarazzjoni Konġunta Afrika-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, adottata fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006 bil-għan li tistabbilixxi politika komprensiva ta' migrazzjoni kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' l-14 u l-15
ta' *Diċembru* 2006.

ibgħatu minn nuqqas ta' riżorsi umani ***f'setturi vitali għall-kisba tal-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp tan-NU, b'mod partikulari fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni u fis-setturi vitali għall-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex iwasslu servizzi soċjali bażiċi.***
Għandhom jiġu żviluppati politiki u prinċipji ta' reklutaġġ etiku applikabbli għall-imjegati tas-settur pubbliku u privat partikolarment fis-settur tas-saħħa, kif enfasizzat fil-konklużjoni tal-Kunsill u l-Istati Membri fl-14 ta' Mejju 2007 dwar il-Programm Ewropew għal Azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas kritiku ta' ħaddiema tas-saħħa fil-pajjżi li qed jiżviluppaw (2007-2013). Dawn għandhom jissaħħu bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi, linji gwida u għodod oħra biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari u termporanja, kif ukoll miżuri oħra li jnaqqsu l-effetti negattivi u jżidu l-effetti *pożittivi* ta' immigrazzjoni *bi kwalifiki* għolja fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kwalunkwe intervent ta' dan it-tip għandu jittieħed konformi mal-linji tad-Dikjarazzjoni Konġunta Afrika-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, adottata fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006 bil-għan li tistabbilixxi politika komprensiva ta' migrazzjoni kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006. ***Kull intervent ta' dan it-tip għandu jsir b'konsulatzzjoni mal-imsieħba soċjali kemm fil-pajjiżi tal-orġini u kemm fil-pajjiżi li jilqgħu l-ħaddiema, fis-setturi kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kodiċi ta' kondotta meta jimplimentaw il-politiki tagħhom ta' impjegar ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja.***

Or. en

Emenda 60
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom joqgħodu lura milli jwettqu reklutaġġ attiv f'setturi li qed ibgħatu minn nuqqas ta' riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. *Politiki* u prinċipji ta' reklutaġġ etiku applikabbli għall-imjegati tas-settur pubbliku u privat *għandu jiġi żviluppat* partikolarment fis-settur tas-saħħa, kif enfasizzat fil-konklużjoni tal-Kunsill u l-Istati Membri fl-14 ta' Mejju 2007 dwar il-Programm Ewropew għal Azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas kritiku ta' ħaddiema tas-saħħa fil-pajjżi li qed jiżviluppaw (2007-2013). Dawn għandhom jissaħħu bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi, linji gwida u għodod oħra biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari u termporanja, kif ukoll miżuri oħra li jnaqqsu l-effetti negattivi u jżidu l-effetti pożittiv ta' immigrazzjoni ta' *kapaċità* għolja fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kwalunkwe intervent ta' dan it-tip għandu jittieħed konformi mal-linji tad-Dikjarazzjoni Konġunta Afrika-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, adottata fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006 bil-għan li tistabbilixxi politika komprensiva ta' migrazzjoni kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006.	(20) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom joqgħodu lura milli jwettqu reklutaġġ attiv f'setturi li qed ibgħatu minn nuqqas ta' riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***skont l-objettivi tal-politika ta' koperazzjoni dwar l-iżvilupp tal-Unjoni.*** *Għandhom jiġu żviluppati politiki* u prinċipji ta' reklutaġġ etiku applikabbli għall-imjegati tas-settur pubbliku u privat partikolarment fis-settur tas-saħħa, kif enfasizzat fil-konklużjoni tal-Kunsill u l-Istati Membri fl-14 ta' Mejju 2007 dwar il-Programm Ewropew għal Azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas kritiku ta' ħaddiema tas-saħħa fil-pajjżi li qed jiżviluppaw (2007-2013), ***kif ukoll f'setturi oħra li jistgħu jkunu affettwati b'mod speċjali, bħas-settur tal-edukazzjoni u professjonijiet oħra marbuta mill-qrib mal-pilastri bażiċi tal-istat kostituzzjonali, pereżempju il-professjoni legali.*** Dawn għandhom jissaħħu bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi, linji gwida u għodod oħra biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari u termporanja, kif ukoll miżuri oħra li jnaqqsu l-effetti negattivi u jżidu l-effetti pożittiv ta' immigrazzjoni ta' kapaċità għolja fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. ***Barra minn hekk l-Istati Membri, f'koperazzjoni mal-pajjiżi ta' orġini, għandhom jiżviluppaw miżuri u programmi speċifiċi biex jikkumpensaw it-telf ta' riżorsi umani, joffru appoġġ konkret fit-taħriġ ta' nies professjonijiet fis-setturi prinċipali mdgħajfa mill-ħruġ ta' talenti 'l barra mill-pajjiż.*** Kwalunkwe intervent ta' dan it-tip għandu jittieħed konformi mal-linji tad-Dikjarazzjoni Konġunta Afrika-UE dwar il-Migrazzjoni

u l-Iżvilupp, adottata fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006 ***u mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Forum Dinji dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp ta' Lulju 2007,*** bil-għan li tistabbilixxi politika komprensiva ta' migrazzjoni kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006.

Or. es

Emenda 61
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Premessa 20 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex ikun limitat reklutaġġ li jista' jwassal għal telf ta' mħuħ jew żieda fit-telf ta' mħuħ fis-setturi sensittivi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-impjegar ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja billi jenfasizzaw il-benefiċċji tal-ambjent soċjali u tax-xogħol fl-UE.

Or. en

Emenda 62
Roselyne Lefrançois

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "impjieg bi kwalifiki għolja" jfisser l-eżerċizzju ta' xogħol ***ġenwin u effettiv taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor*** *għal liema* ***persuna titħallas u li għalih*** huwa meħtieġ kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew minimu	(b) "impjieg bi kwalifiki għolja" fisser l-eżerċizzju ta' xogħol ***bi ħlas*** li għalih huwa meħtieġ kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew minimu ta' ***ħames*** snin esperjenza professjonali;

ta' ***tliet*** snin esperjenza professjonali;

Or. fr

Emenda 63
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "impjieg bi kwalifiki għolja" jfisser l-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor għal liema persuna titħallas u li għalih huwa meħtieġ kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ***minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali***;	(b) "impjieg bi kwalifiki għolja" jfisser l-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor *li għalih* persuna titħallas u li għalih huwa meħtieġ kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew esperjenza professjonali esperjenza professjonali ***rilevanti***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Min inħaddem ikun jista' jevalwa l-kwalifiki u/jew l-esperjenza professjonali relevanti meħtieġa.

Emenda 64
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "impjieg bi kwalifiki għolja" jfisser l-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv ***taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor għal liema persuna titħallas u li għalih huwa meħtieġ kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali;***	(b) "impjieg bi kwalifki għolja" jfisser l-eżerċizzjoni ta' xogħol ġenwin u effettiv ***bħala ħaddiem f'pożizzjoni li teħtieġ kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew kompetenza professjonali ogħla.***

Or. en

Emenda 65
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "membri tal-familja" jfisser iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi skond id-definizzjoni f'Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86/KE;	(f) "membri tal-familja" jfisser iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi skont id-definizzjoni f'Artikolu 4(1), ***4(2)(b)*** tad-Direttiva 2003/86/KE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni tal-persuni msemmija fl-Artikolu 4.2(b) tad-Direttiva 2003/86/KE mhix mixtieqa mil-lat uman. L-esklużjoni tal-persuni msemmija fl-Artikolu 4.3 tad-Direttiva 2003/86/KE hija diskriminatorja lejn il-koppji mhux miżżewġin li jinsabu f'relazzjoni fit-tul u ta' impenn.

Emenda 66
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiddikjara* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin;	(g) "kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiċċertifika* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin. ***Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, sabiex issir evalwazzjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz għandux edukazzjoni ogħla, għandha ssir referenza***

għall-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) 1997 livelli 5a u 6;

Or. en

Emenda 67
Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor ***maħruġ minn awtorità kompetenti*** li *jiddikjara* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin.	"kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ***rikonoxxut mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membru*** li *jiċċertifika* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin;

Or. en

Emenda 68
Roselyne Lefrançois

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiddikjara* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment	(g) "kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiċċertifika* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment

edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' ***tliet*** snin;	edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' ***ħames*** snin;

Or. fr

Emenda 69
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiddikjara* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' ***tliet*** snin;	"kwalifika ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiċċertifika* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki, ***debitament validati***, jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' erba' snin.

Or. es

Emenda 70
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"***kwalifika*** ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe lawrea, diploma jew ċertifikat	"***kwalifiki*** ta' edukazzjoni ogħla ***għal professjonijiet regolati***" tfisser kwalunkwe

ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiċċertifika* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin;	lawrea, diploma jew ċertifikat ieħor maħruġ minn awtorità kompetenti li *jiċċertifika* t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni ogħla, notevolment għadd ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv magħruf bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li jinsab fih. Dawn il-kwalifiki jiġu kkunsidrati, għall-iskop ta' din id-Direttiva, fuq kondizzjoni li l-istudji meħtieġa biex jinkisbu damu minimu ta' tliet snin. ***Fil-każ ta' professjonijiet li mhumiex regolati, min iħaddem għandu jiddeċiedi dwar il-livell ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla meħtieġa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Min inħaddem ikun jista' jevalwa l-kwalifiki u/jew l-esperjenza professjonali relevanti meħtieġa.

Emenda 71
Roselyne Lefrançois

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "kwalifiki professjonali *għolja*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' ***tliet*** snin esperjenza professjonali;	(h) "kwalifiki professjonali *ogħla*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' ***ħames*** snin esperjenza professjonali;

Or. fr

Emenda 72
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "***kwalifiki*** professjonali għolja" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali;	(h) "***kompetenza*** professjonali ogħla" jfisser ***minimu ta' sitt snin ta' esperjenza professjonali rilevanti f'pożizzjoni li teħtieġ kwalifika ta' edukazzjoni ogħla;***

Or. en

Emenda 73
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"kwalifiki professjonali *għolja*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali.	"kwalifiki professjonali *ogħlja*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla ***ta' mill-anqas erba' snin ta' studju*** jew ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali;

Or. es

Emenda 74
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"kwalifiki professjonali *għolja*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew	"kwalifiki professjonali *ogħla*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla ***fil-każ ta'***

ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali.	***professjonijiet regolati*** jew esperjenza professjonali ***rilevanti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Min inħaddem ikun jista' jevalwa l-kwalifiki u/jew l-esperjenza professjonali relevanti meħtieġa.

Emenda 75
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "kwalifiki professjonali *għolja*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali."	(h) "kwalifiki professjonali o*għla*" jfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ekwivalenti ta' minimu ta' tliet snin esperjenza professjonali. ***Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, sabiex issir evalwazzjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz għandux edukazzjoni ogħla, għandha ssir referenza għall-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) 1997 livelli 5a u 6;"***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-punt imsemmi hawn fuq ikun aktar ċar.

Emenda 76
Esther De Lange, Emine Bozkurt,

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – ittra i a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) "Persuna li tivvjaġġa regolarment u għandha Karta Blu tal-UE" (EU Blue Card Commuter) ifisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun detentur ta' Karta Blu tal-UE fi Stat Membru u li jagħmel xogħol li jitlob kwalifiki għolja fi Stat Membru ieħor filwaqt li jibqa' residenti fl-ewwel Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiddefinixxi t-terminu "Persuna li tivvjaġġa regolarment u għandha Karta Blu tal-UE", kif imsemmi fl-Artikolu 19a (ġdid).

Emenda 77
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva għandha tapplika lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja.	1. Din id-Direttiva għandha tapplika lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja, ***kif ukoll għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu diġà preżenti fit-territorju u li japplikaw għall-Karta l-Blue tal-UE.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-istudenti li jtemmu l-edukazzjoni avvanzata tagħhom fi Stat Membru jkunu mħeġġa

biex jibqgħu fl-UE, pereżempju, tkun ħaġa loġika li din id-Direttiva tiġi applikata wkoll lil dawk li jixtiequ jibqgħu fit-'territorju ta' Stat Membru għal skopijiet ta' impjieg ta' kwalifiki ogħlja'.

Emenda 78
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li: ***(a) jirresjedu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanji;*** ***(b) jkunu refuġjati jew ikunu applikaw għar-rikonoxximent bħala refuġjati u li l-applikazzjoni tagħhom tkun għadha ma tatx lok għal deċiżjoni finali;*** ***(c) li japplikaw biex jirresjedu fi Stat Membru bħala riċerkaturi fit-tifsira tad-Direttiva 2005/71/KE sabiet iwettqu proġett ta' riċerka;*** ***(d) li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini ta' l-Unjoni li eżerċitaw, jew li qed jeżerċitaw, id-dritt tagħhom għall-moviment liberu fil-Komunità;*** ***(e) li jgawdu minn status ta' resident għat-tul fi Stat Membru skond id-Direttiva 2003/109/KE u jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirresjedu fi Stat Membru ieħor sabiex iwettqu attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegati jew għal rashom;*** ***(f) li jidħlu fi Stat Membru taħt impenji li jinsabu fi ftehim internazzjonali li jiffaċilita d-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni naturali minn ċerti kategoriji ta' negozju u relatati ma' l-investiment;*** ***(g) li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' dritt.***	***imħassar***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-limiti proposti mill-Artikolu fid-Direttiva jeskludu b'mod mhux ġustifikat xi kategoriji mill-

opportunità li jiksbu l-Karta l-Blu.

Emenda 79
Roselyne Lefrançois

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jirresjedu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanji;	(a) jirresjedu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanji ***jew li, għal waħda miż-żewġ raġunijiet, ikunu applikaw għal dokument ta' residenza u li ma tkunx għada ttieħdet deċiżjoni dwar l-istatus tiegħu;***

Or. fr

Emenda 80
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jkunu refuġjati*** jew ikunu applikaw għar-rikonoxximent bħala refuġjati u li l-applikazzjoni tagħhom tkun għada ma tatx lok għal deċiżjoni finali;	(b) ikunu applikaw għar-rikonoxximent bħala refuġjati u li l-applikazzjoni tagħhom tkun għada ma tatx lok għal deċiżjoni finali;

Or. en

Emenda 81
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) li ingħataw permess jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema tal-istaġun.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'hekk il-lista ta' kategoriji tkun kompluta.

Emenda 82
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal kwalunkwe ftehim futur bejn il-Komunità jew bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u pajjiż jew pajjiżi terzi fuq naħa oħra, li jagħmlu lista tal-professjonijiet li ma jaqgħux taħt din id-Direttiva sabiex jiżgura reklutaġġ etiku, f'setturi li fihom hemm nuqqas ta' persunal, billi jitħarsu r-riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, firmatarji ta' dawn il-ftehimiet.	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal kwalunkwe ftehim futur bejn il-Komunità jew bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u pajjiż jew pajjiżi terzi fuq naħa oħra, li jagħmlu lista tal-professjonijiet li ma jaqgħux taħt din id-Direttiva sabiex *ikun żgurat* reklutaġġ etiku, f'setturi li fihom hemm nuqqas ta' persunal, ***f'setturi vitali għall-kisba tal-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp, b'mod partikulari fis-setturi tal-edukazzjoni u fis-setturi vitali għall-kapaċità tal-pajjiżi terzi li jwasslu servizzi soċjali bażiċi,*** billi jitħarsu r-riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, firmatarji ta' dawn il-ftehimiet.

Or. en

Emenda 83
Giusto Catania, Søren Bo Søndergaard

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Stat Membru li joħroġ Karta Blu tal-UE lil ħaddiem bi kwalifiki għolja minn pajjiż terz għandu jipprovdi l-edukazzjoni lil żewġ persuni mill-pajjiż/reġjun ta' oriġini tad-detentur ikkonċernat tal-Karta Blu tal-UE. L-edukazzjoni li tingħatalhom trid tkun kemm jista' jkun fis-suġġett tad-detentur tal-Karta l-Blu.

Or. xm

Ġustifikazzjoni

Il-limiti proposti mill-Artikolu fid-Direttiva jeskludu b'mod mhux ġustifikat xi kategoriji mill-opportunità li jiksbu l-Karta l-Blu.

Emenda 84
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt ta' Stati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli dwar kondizzjonijiet ta' dħul u residenza *għal persuni li tapplika*, ***ħlief għad-dħul fl-ewwel Stat Membru.***	2. Din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt ta' Stati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli dwar kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ***għall-persuni li għalihom*** tapplika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk jixtiequ, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli. Jekk ħaddiem immigrant jiddaħħal taħt skema nazzjonali, huwa jew hija ma

jingħatax Karta Blu tal-UE. Sempliċi.

Emenda 85
Armando França

Proposta għal direttiva
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Kriterji għall-għoti ta' Karta Blu tal-UE
	Il-Karta Blu tal-UE għandha tingħata biss lill-immigranti bi kwalifiki għolja li jiġu minn pajjiżi terzi u li magħhom l-UE tkun diġà ffirmat ftehimiet ta' koperazzjoni u sħubija, inklużi l-oqsma ta' mobilità u immigrazzjoni.

Or. pt

Emenda 86
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-eżerċizzju miċ-ċittadini ta' l-UE tal-professjoni ***rregolata*** speċifikata fil-kuntratt ta' xogħol jew offerta' ta' impjieg li torbot;	(b) jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-UE tal-professjoni speċifikata fil-kuntratt ta' xogħol jew offerta' ta' impjieg li torbot;

Or. en

Emenda 87
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għall-professjonijiet mhux irregolati, jippreżenta d-dokumenti li jiċċertifikaw il-kwalifiki professjonali għolja rilevanti fl-attività professjonali jew is-settur speċifikat fil-kuntratt ta' xogħol jew fl-offerta ta' impjieg li torbot;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Min inħaddem ikun jista' jevalwa l-kwalifiki (fil-każ ta' professjonijiet mhux regolati) u/jew l-esperjenza professjonali relevanti meħtieġa.

Emenda 88
Wolfgang Kreissl-Dörfler

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'*għandhiex* tkun inqas mill-***livell*** nazzjonali ***ta' salarju*** definit u ppublikat għall-iskop ta' l-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***tliet*** darbiet il-paga minima gross ***ta' kull xahar*** kif stipulat fil-liġi nazzjonali.	2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'*għandux* ikun inqas mill-***livell*** nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat għal dan l-iskop mill-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***2.2*** darbiet il-paga ***medja*** gross kif stipulat fil-liġi nazzjonali.

Or. de

Emenda 89
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandhiex tkun inqas mill-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat għall-iskop ta' l-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas tliet darbiet il-minimu tal-paga minima gross kif stipulat fil-liġi nazzjonali. ***L-Istati Membri fejn il-pagi minimi m'humiex iddefiniti għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali ta' salarju sabiex ikun mill-inqas tliet darbiet id-dħul minimu li bih iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat huma intitolati għal għajnuna soċjali f'dak l-Istat Membru.***	2 Is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta' ta' impjieg li torbot ***m'għandux*** *ikun inqas* ***mill-pagi li japplikaw jew li jkunu japplikaw għal ħaddiem kumparabbli fil-pajjiż ospitanti.***

Or. en

Emenda 90
Roselyne Lefrançois

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot *m'għandhiex tkun* inqas mill-***livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat għall-iskop ta' l-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas tliet darbiet il-minimu tal-paga minima gross kif stipulat fil-liġi nazzjonali.***	2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot *m'għandux ikun* inqas mil***l-paga li titħallas lil*** ċittadin tal-pajjiż ospitanti ***li jwettaq l-istess xogħol.***

L-Istati Membri fejn il-pagi minimi m'humiex iddefiniti għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali ta' salarju sabiex ikun mill-inqas tliet darbiet id-dħul minimu li bih iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat huma intitolati għal għajnuna soċjali f'dak l-Istat Membru.

Or. fr

Emenda 91
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu**,** is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandhiex tkun inqas mil***l-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat għall-iskop ta' l-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas tliet darbiet il-minimu tal-paga minima gross kif stipulat fil-liġi nazzjonali.***	2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu**,** is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandhiex tkun inqas mill-***pagi stipulati mill-ftehimiet kollettivi applikabbli jew il-prattiki fis-setturi rilevanti ta' attività fl-Istati Membri.***
L-Istati Membri fejn il-pagi minimi m'humiex iddefiniti għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali ta' salarju sabiex ikun mill-inqas tliet darbiet id-dħul minimu li bih iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat huma intitolati għal għajnuna soċjali f'dak l-Istat Membru.	

Or. en

Emenda 92
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandhiex tkun inqas mill-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat għall-iskop ta' l-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas tliet darbiet il-minimu tal-paga minima gross kif stipulat fil-liġi nazzjonali.	***imħassar***
L-Istati Membri fejn il-pagi minimi m'humiex iddefiniti għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali ta' salarju sabiex ikun mill-inqas tliet darbiet id-dħul minimu li bih iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat huma intitolati għal għajnuna soċjali f'dak l-Istat Membru.	

Or. es

Emenda 93
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mil*l*-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu**,** is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot *m'għandhiex tkun* inqas mill-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat *għall-iskop ta' l-Istati*	2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot *m'għandux ikun* inqas mil-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat *għal dak l-iskop mill-Istati*

Membri ***li għandu jkun mill-inqas tliet darbiet il-minimu tal-paga minima gross kif stipulat fil-liġi nazzjonali.***	*Membri****.***
L-Istati Membri fejn il-pagi minimi m'humiex iddefiniti għandhom jistabbilixxu l-livell nazzjonali ta' salarju sabiex ikun mill-inqas tliet darbiet id-dħul minimu li bih iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat huma intitolati għal għajnuna soċjali f'dak l-Istat Membru.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-determinazzjoni tas-salarji mhix kompetenza tal-UE.

Emenda 94
Inger Segelström

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandhiex tkun inqas mill-livell nazzjonali ta' ***salarju*** definit u ppublikat għall-iskop ta' l-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***tliet*** darbiet il-minimu tal-***paga minima*** gross ***kif stipulat*** fil-liġi nazzjonali.	2. Barra milli jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, ***l-Istati Membri għandhom japplikaw wieħew jew aktar mill-kriterji li ġejjin kif xieraq:***
	(a) is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot m'għandux ikun inqas mill-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat għal dan l-iskop mill-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas 1*.7* darbiet tal-***paga*** gross ***medja kif stipulat*** fil-liġi nazzjonali. ***(b) fl-Istati Membri fejn il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stabbiliti permezz ta' ftehimiet kollettivi bejn is-***

sieħba soċjali, u fejn il-liġi ma tistipulax il-pagi minimi jew fejn m'hemmx ftehimiet kollettivi li japplikaw, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg, kif ukoll il-pagi m'għandhomx ikunu anqas mill-pagi li japplikaw jew li kieku japplikaw lil ħaddiem tal-istess livell fil-pajjiż ospitanti. F'dawn l-Istati Membri, sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni fil-pagi, it-trejdjunjins jew ir-rappreżentanti lokali tagħhom għandhom jiġu infurmati u għandu jkollhom influwenza vera fuq l-istipular tal-pagi għall-ħaddiema migranti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżoluzzjoni ma tqisx il-mudell użat fil-pajjiżi Nordiċi fejn min iħaddem u l-ħaddiema jaqblu dwar il-pagi u dwar kundizzjonijiet oħra tax-xogħol skont il-ftehimiet kollettivi.

Emenda 95
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot *m'għandhiex tkun* inqas mill-livell nazzjonali ta' ***salarju*** definit u ppublikat *għall-iskop ta' l*-Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***tliet*** darbiet *il-minimu* ***tal-paga minima*** gross ***kif stipulat*** fil-liġi nazzjonali.	2. Barra mill-kondizzjonijiet stipulati fl-1 paragrafu, is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew offerta ta' impjieg li torbot *m'għandux ikun* inqas mill-livell nazzjonali ta' salarju definit u ppublikat *għal dan l-iskop mill-* Istati Membri li għandu jkun mill-inqas ***1.8*** darbiet tal-***paga*** gross ***medja*** kif ***stipulat fil-***liġi nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li xi Stati Membri ma stipulawx paga minima, huwa aktar utli li tintuża l-paga gross

medja bħala referenza. Sabiex ħaddiema bi kwalifiki għolja jitħajjru jeħtieġ li jkun hemm livell ta' paga ogħola.

Emenda 96
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 5 – paragarfu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-salarju gross fix-xahar speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta' ta' impjieg li torbot m'għandux ikun inqas għall-pagi li japplikaw jew li jkunu japplikaw għal ħaddiem kumparabbli fil-pajjiż ospitanti.

Or. en

Emenda 97
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragarfu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddevjaw mill-kundizzjonijiet tas-salarji jekk iċ-ċittadin minn pajjiż terz jagħti kontribut uniku lis-suq tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti, sakemm iċ-ċittadin minn pajjiż terz ikun jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 5(1)(b) u (c), u sakemm is-salarju gross fix-xahar ma jkunx inqas mill-pagi li japplikaw jew ikunu japplikaw għal ħaddiem kumparabbli fil-pajjiż ospitanti.

Or. en

Emenda 98
Esther De Lange, Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fil-każ ta' vjaġġar transkonfinali, l-applikazzjoni għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu kif ikun meħtieġ fit-tieni Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu jirreferi għall-kriterji ta' dħul li "Vjaġġatur tal-Karta Blu tal-UE" jkun jeħtieġ li jissodisfa.

Emenda 99
Wolfgang Kreissl-Dörfler

Proposta għal direttiva
Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	L-Istati Membri m'għandhomx ifittxu b'mod attiv li jattiraraw ħaddiema kkwalifikati ħafna fis-setturi li diġà huma soġġetti, jew huma mistennija li jkunu soġġetti, għal nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati ħafna fil-pajjiż terz. Dan japplika l-iżjed għas-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni b'mod partikulari.

Or. de

Emenda 100
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Deroga	
Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ta' inqas minn 30 sena u li għandu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, japplikaw id-derogi li ġejjin:	
(a) L-Istati Membri għandhom iqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi tal-livell nazzjonali tas-salarju definit skond Artikolu 5(2);	
(b) L-Istati Membri jistgħu ma japplikawx il-kondizzjoni ta' salarju imniżżla fl-Artikolu 5(2) fuq kondizzjoni li l-applikant ikun temm edukazzjoni ogħla fil-post ta' studju u kiseb lawrea ta' Baċċellerat jew Masters f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li tinsab fit-territorju tal-Komunità.	
(c) L-Istati Membri ma jitolbux prova ta' esperjenza professjonali minbarra l-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, sakemm dan huwa meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-eżerċizzju miċ-ċittadini ta' l-UE tal-professjoni rregolata speċifikata fil-kuntratt ta' xogħol jew l-offerta' ta' impjieg li torbot.	

Or. en

Emenda 101
Ona Juknevičienė

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – parti introduttorja u punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ta' inqas minn ***30*** sena u li għandu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, japplikaw id-derogi li ġejjin:	Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ta' inqas minn ***30*** sena u li għandu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, japplikaw id-derogi li ġejjin:
(a) L-Istati Membri għandhom *iqiesu* sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi ***tal-***livell nazzjonali tas-salarju ***definit skond Artikolu 5(2);***	(a) L-Istati Membri għandhom *iqisu* sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal ***mill-inqas 1.7 darbiet il-paga gross medja skont il-liġi nazzjonali;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-ħsieb li tiżgura li ċ-ċittadini żgħażagħ minn pajjiżi terzi jkunu rinumerati fuq bażi suffiċjenti li tqis in-nuqqas ta' esperjenza professjonali, u li tevita li dawk li jħaddmu jagħtu preferenza lil ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu lesti jaċċettaw impjieg b'salarju li jkun inqas minn dak ta' ċiitadin tal-UE.

Emenda 102
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – parti introduttorja u punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ***ta' inqas minn 30 sena u li għandu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, japplikaw id-derogi li ġejjin:***	Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ***li jkollu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla iżda d-data tal-kwalifika tiegħu ma tkunx tat biżżejjed żmien biex tinkiseb esperjenza professjonali sinifikanti:***
(a) L-Istati Membri għandhom iqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-	

Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi tal-livell nazzjonali tas-salarju definit skond Artikolu 5(2);

Or. en

Emenda 103
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – parti introduttorja u punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-applikazzjoni hija ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz ta' inqas minn ***30*** sena u li għandu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, japplikaw id-derogi li ġejjin:	If the application is submitted by a third-country national of less than ***35*** years of age and holding higher education qualifications, the following derogations shall apply:
(a) L-Istati Membri għandhom iqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi tal-livell nazzjonali tas-salarju ***definit skond Artikolu 5(2)***;	(a) L-Istati Membri għandhom iqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) jekk is-salarju gross fix-xahar offrut huwa ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi tal-livell nazzjonali tas-salarju;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iffissar tal-pagi mhix kompetenza tal-UE.

Emenda 104
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***L-Istati Membri jistgħu ma japplikawx il-kondizzjoni ta' salarju imniżżla fl-***	***imħassar***

Artikolu 5(2) fuq kondizzjoni li l-applikant ikun temm edukazzjoni ogħla fil-post ta' studju u kiseb lawrea ta' Baċċellerat jew Masters f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li tinsab fit-territorju tal-Komunità;

Or. en

Emenda 105
Ona Juknevičienė

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-Istati Membri ma jitolbux prova ta' esperjenza professjonali minbarra l-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, sakemm dan huwa meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-eżerċizzju miċ-ċittadini ta' l-UE tal-professjoni rregolata speċifikata fil-kuntratt ta' xogħol jew l-offerta' ta' impjieg li torbot.	(c) L-Istati Membri ***jistgħu*** ma jitolbux prova ta' esperjenza professjonali minbarra l-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, sakemm dan huwa meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-UE tal-professjoni rregolata speċifikata fil-kuntratt ta' xogħol jew l-offerta' ta' impjieg li torbot.

Or. en

Emenda 106
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Il-Volumi ta' dħul	
Artikoli 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-	

impjieg bi kwalifiki għolja.

Or. it

Emenda 107
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikoli 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-impjieg bi kwalifiki għolja.	***Artikolu 5*** *għandu jkun* mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-impjieg bi kwalifiki għolja.

Or. en

Emenda 108
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikoli 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-impjieg bi kwalifiki għolja.	Artikoli 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-impjieg bi kwalifiki għolja ***skont l-istat tas-swieq tax-xogħol tagħhom***.

Or. es

Emenda 109
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikoli 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-impjieg bi kwalifiki għolja.	Artikoli 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-impjieg bi kwalifiki għolja. ***L-Istati Membri għandhom iżommu l-possibilità li jirrifjutaw permessi ta' residenza għal ċerti professjonijiet, setturi ekonomiċi jew reġjuni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm miżura eċċezzjonali għall-protezzjoni ta' xi Stati Membri jew reġjuni jew setturi bi problemi speċifiċi.

Emenda 110
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-***Artikoli 5 u 6*** u li għaliha tkun ittieħdet deċiżjoni pożittiva mill-awtoritajiet kompetenti tingħata *il*-Karta Blu ta' l-UE.	1. Persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-***Artikoli 5*** u li għaliha tkun ittieħdet deċiżjoni pożittiva mill-awtoritajiet kompetenti tingħata *l*-Karta Blu tal-UE.

Or. en

Emenda 111
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu ta' l-UE tkun ta' sentejn u tiġġedded mill-inqas għall-istess ammont. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn sentejn, il-Karta Blu ta' l-UE tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' ***tliet*** xhur.	2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu tal-UE tkun ta' sentejn u tiġġedded mill-inqas għall-istess ammont. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn sentejn, il-Karta Blu tal-UE tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' ***sitt*** xhur.

Or. it

Emenda 112
Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu ta' l-UE tkun ta' ***sentejn*** u tiġġedded ***mill-inqas għall-istess ammont***. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn sentejn, il-Karta Blu ta' l-UE tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' tliet xhur.	2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu tal-UE tkun ta' ***tliet snin*** u tiġġedded *għal* ***sentejn oħra***. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn sentejn, il-Karta Blu tal-UE tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' tliet xhur.

Or. en

Emenda 113
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu ta' l-UE	2. Il-validità inizjali tal-Karta Blu tal-UE

tkun ta' sentejn u tiġġedded mill-inqas għall-istess ammont. Jekk il-kuntratt ta' xogħol ikopri perjodu ta' inqas minn sentejn, il-Karta Blu ta' l-UE tingħata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol b'żieda ta' tliet xhur.	***tikkorrispondi mad-dewma tal-kuntratt tax-xogħol, soġġetta għal minimu ta' sena, u għandha tiġġedded għal mill-inqas l-istess dewma sa massimu ta' ħames snin.***

Or. en

Emenda 114
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-Detenturi tal-Karta Blu ta' l-UE jkunu intitolati għad-drittijiet rikonoxxuti lilhom u l-familji tagħhom permezz tal-***Artikoli 8, 10(2), 12, 13-19 u 21 ta'*** din id-Direttiva.	5. Id-Detenturi tal-Karta Blu tal-UE jkunu intitolati għad-drittijiet rikonoxxuti lilhom u l-familji tagħhom ***minn*** din id-Direttiva

Or. en

Emenda 115
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal Karta Blu ta' l-UE meta l-applikant ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-***Artikolu 5 u 6*** u meta d-dokumenti ppreżentati jiġu akkwistati b'mod *frawdolenti*, jew iffalsifikati jew imbagħbsa.	1. L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE meta l-applikant ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-***Artikolu 5*** u meta d-dokumenti ppreżentati jiġu akkwistati b'mod *frodolenti*, jew iffalsifikati jew imbagħbsa.

Or. en

Emenda 116
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Karta Blue ta' l-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali tagħhom dwar il-kondizzjonijiet għal mili ta' pożizzjoni battala.	***imħassar***
Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' l-Unjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati.	

Or. it

Emenda 117
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	imħassar
Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' l-Unjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati.	

Or. en

Emenda 118
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Karta Blue ta' l-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali tagħhom dwar il-kondizzjonijiet għal mili ta' pożizzjoni battala.	***imħassar***
Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' l-Unjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni ta' testijiet tas-suq tax-xogħol ma tgħin assolutament xejn biex l-UE ssir iżjed attraenti għal ħaddiema bi kwalifiki għolja. Għandha titnaqqas il-burokrazija.

Emenda 119
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Karta *Blue* ta' l-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali tagħhom dwar il-kondizzjonijiet għal mili ta' pożizzjoni battala.	2. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Karta *Blu* tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikaw il-proċeduri nazzjonali ***u Komunitarji*** tagħhom dwar il-kondizzjonijiet għal mili ta' pożizzjoni battala.

Or. en

Emenda 120
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 u subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil ċittadini ta' l-Unjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati.	Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu preferenza lil ċittadini tal-Unjoni, ***u jistgħu jagħtu preferenza*** lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn hemm provvediment dwar dan fil-leġislazzjoni tal-Komunità, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment u li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri konċernati ***L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE fis-setturi tas-swieq tax-xogħol li l-aċċess għalihom huwa ristrett għal ħaddiema minn Stati Membri oħra minħabba arranġamenti tranżizzjonali stipulati fl-Atti tal-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005.***

Or. en

Emenda 121
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 2 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE sabiex jiżguraw reklutaġġ etiku f'setturi li jkollhom nuqqas ta' staff ikkwalifikat fil-pajjiżi tal-oriġini.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tipproteġi lil dawk il-pajjiżi mill-effett ta' 'brain drain.'

Emenda 122
Stavros Lambrinidis

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta din tkun inkisbet b'mod *frawdolenti*, jew iffalsifikata jew imbagħbsa, jew**,**	(a) meta din tkun inkisbet b'mod *frodolenti*, jew iffalsifikata jew imbagħbsa**. *L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw Karta Blu tal-UE li tkun inħarġet, abbażi ta' din id-Direttiva fil-każi li jmiss:***
jew	

Or. en

Emenda 123
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jidher li d-detentur ma laqax jew m'għadux jilqa' l-kondizzjonijiet għal dħul u residenza stipulati fl-***Artikoli 5 u 6*** jew li qed jirresjedi għal skopijiet oħra minbarra dak li għalih ingħata awtorizzazzjoni għal residenza.	(b) meta jidher li d-detentur ma laqax jew m'għadux jilqa' l-kondizzjonijiet għal dħul u residenza stipulati fl-***Artikolu 5*** jew li qed jirresjedi għal skopijiet oħra minbarra dak li għalih ingħata awtorizzazzjoni għal residenza.

Or. en

Emenda 124
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 3 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dispożizzjoni adottata għal raġunijiet ta' politika jew sigurtà pubblika għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, u għandhom ikunu adottati biss abbażi tal-kondotta personali tal-individwu li japplikaw għalih dawn id-dispożizzjonijiet. Il-kondotta personali għandha tirrappreżenta theddida ġenwina u kurrenti li tkun serja biżżejjed li tolqot interess fundamentali tas-soċjetà. M'għandhomx jitqiesu ġustifikazzjonijiet estranji għall-każ individwali jew ġustifikazzjonijiet li jinvokaw prekawzjonijiet ġenerali.

Or. it

Emenda 125
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Jekk ċittadin minn pajjiż terz ikun diġà residenti jew legalment preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, il-bgħit tal-fajl fuq applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE għandu jirriżulta fid-dritt li ċ-ċittadin jibqa' fit-territorju tal-Istat fejn tkun tressqet l-applikazzjoni sal-aħħar tal-proċedura tal-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni, inkluż il-perjodu għal kwalunkwe appell fil-każ ta' deċiżjoni negattiva.

Or. it

Emenda 126
Hubert Pirker

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu ta' l-UE, jew nuqqas ta' tiġdid jew irtirar ta' Karta Blu ta' l-UE, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u, fejn dan ikun relevanti, lil min ikun *se* jimpjegah skond il-proċeduri ta' notifika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali *relevanti* u din tista' tiġi kkontestata ***quddiem il-qrati*** ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, il-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed dik l-azzjoni.	3. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, jew nuqqas ta' tiġdid jew irtirar ta' Karta Blu tal-UE, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u, fejn dan ikun relevanti, lil min ikun *se* jimpjegah skond il-proċeduri ta' notifika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali *rilevanti* u din tista' tiġi kkontestata ***fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali*** tal-Istat Membru kkonċernat. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, il-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed dik l-azzjoni.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-espressjoni "qabel il-qrati" għandha titneħħa għax l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu jekk il-korp tal-appell ikunx awtorità amministrattiva jew legali.

Emenda 127
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu ta' l-UE, jew nuqqas ta' tiġdid jew irtirar ta' Karta Blu ta' l-UE, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u, fejn dan ikun relevanti, lil min ikun ser jimpjegah skond il-proċeduri ta' notifika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti u din tista' tiġi kkontestata quddiem ***il-qrati*** ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, il-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed dik l-azzjoni.	3. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, jew nuqqas ta' tiġdid jew irtirar ta' Karta Blu tal-UE, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u, fejn dan ikun relevanti, lil min ikun ser jimpjegah skond il-proċeduri ta' notifika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti u din tista' tiġi kkontestata quddiem ***l-awtorità kompetenti*** tal-Istat Membru kkonċernat li tkun maħtura ***skont il-liġi nazzjonali***. In-notifikazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, il-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed dik l-azzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-korp responsabbli għal kontestazzjonijiet bħal dawn għandu jkun maħtur skont il-liġi nazzjonali. Barra minn dawn, ir-rekwiżiti għal deċiżjonijiet li jirrifjutaw li l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu kontestati quddiem il-qrati tal-Istat Membru kkonċernat, jistgħu jirriżultaw f'dewmien mhux neċessarju fis-sistema.

Emenda 128
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-ewwel sentejn ta' residenza legali ***fl-Istat Membru kkonċernat*** bħala detentur tal-Karta Blu ta' l-UE, ***l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-***persuna kkonċernata ***jkun ristrett*** għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul stipulati fl-Artikoli 5 u 6. Tibdil fit-termini tal-kuntratt tax-xogħol li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għad-dħul jew tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti *għall-**awtorizzazzjoni*** minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' residenza, skond il-proċeduri nazzjonali u fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(1).	1. Għall-ewwel sentejn ta' residenza legali bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE, ***il-***persuna kkonċernata ***jista' jkollha aċċess għas-suq tax-xogħol għall-***eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul stipulati fl-Artikoli 5 u 6. Tibdil fit-termini tal-kuntratt tax-xogħol li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għad-dħul jew tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti *għal **notifikazzjoni*** minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza, skond il-proċeduri nazzjonali u fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(1).

Or. it

Emenda 129
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-ewwel sentejn ta' residenza legali fl-Istat Membru kkonċernat bħala detentur tal-Karta Blu ta' l-UE, l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuna kkonċernata jkun ristrett għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul stipulati fl-***Artikoli 5 u 6***. Tibdil fit-termini tal-kuntratt tax-xogħol li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għad-dħul jew tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu	1. Għall-ewwel sentejn ta' residenza legali fl-Istat Membru kkonċernat bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE, l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuna kkonċernata jkun ristrett għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul stipulati fl-***Artikolu 5***. Tibdil fit-termini tal-kuntratt tax-xogħol li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għad-dħul jew tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għall-

soġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istat Membru ta' residenza, skond il-proċeduri nazzjonali u fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(1).

awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza, skond il-proċeduri nazzjonali u fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(1).

Or. en

Emenda 130
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Wara l-ewwel sentejn ta' residenza legali ***fl-Istat Membru kkonċernat*** bħala detentur ta' Karta Blu ta’ l-UE, il-persuna kkonċernata għandha tgawdi minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini f'dak li jirrigwarda aċċess għal impjieg ***bi kwalifiki għolja***. Id-detentur tal-Karta Blu ta’ l-UE għandu jgħarraf l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istat Membru ta' residenza dwar tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol, skond il-proċeduri nazzjonali.	2. Wara l-ewwel sentejn ta' residenza legali bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata għandha tgawdi minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini f'dak li jirrigwarda aċċess għal impjieg. Id-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandu jgħarraf l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza dwar tibdil fir-relazzjoni tax-xogħol, skond il-proċeduri nazzjonali.

Or. it

Emenda 131
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati membri jisgħu jżommu restrizzjonijiet għall-aċċess għall-impieg jew attivitajiet ta' impieg għal rashom fil-każi fejn, skond il-leġislazzjoni eżistenti nazzjonali jew tal-Komunità, dawn l-attivitajiet ikunu riżervati għaċ-ċittadini	***imħassar***

tagħhom, iċ-ċittadini ta' l-UE jew taż-ZEE.

Or. it

Emenda 132
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 - paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw bla ħsara għall-prinċipju tal-preferenza tal-Komunità kif imniżżel fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u l-25 ta' April 2005.	***imħassar***

Or. it

Emenda 133
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 - paragrafu 6 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda ħaddiem nazzjonali bi kwalifiki għolja jew ħaddiem bi kwalifiki għolja mill-Unjoni ma jitlef impjieg minħabba ħaddiem bi kwalifiki għolja minn pajjiż terz li jkollu kapaċitajiet u kwalifiki professjonali ekwivalenti.

Or. fr

Emenda 134
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-qgħad fih innifsu m'huwiex raġuni biex tkun irrevokata Karta Blu ta' l-UE, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jkunx iktar minn ***tliet*** xhur konsekutivi.	1. Il-qgħad fih innifsu m'huwiex raġuni biex tkun irrevokata Karta Blu tal-UE, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jkunx iktar minn ***sitt*** xhur konsekutivi.

Or. it

Emenda 135
Hubert Pirker

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-qgħad fih innifsu m'huwiex raġuni biex tkun irrevokata Karta Blu ta' l-UE, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jkunx iktar minn tliet xhur konsekutivi.	1. Il-qgħad fih innifsu m'huwiex raġuni biex tkun irrevokata ***jew biex ma tiġix imġedda*** Karta Blu tal-UE, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jkunx iktar minn tliet xhur konsekutivi***; id-detenituri tal-Karta Blu tal-UE għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-Istat Membru ta' residenza tagħhom meta jisfaw qegħda, b'konformità mal-proċeduri nazzjonali.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikunu jistgħu jikkalkulaw perjodu ta' tliet xhur konsekutivi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu nnotifikati dwar il-bidu tal-qgħad.

Emenda 136
Giusto Catania u Søren Bo Søndergaard

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 - paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-detenituri tal-Karta Blue tal-UE għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju sakemm huma jkunu involuti f'attivitajiet ta' taħriġ maħsuba biex ikomplu jżidu l-ħiliet professjonali tagħhom jew biex jikkwalifikaw mill-ġdid il-profil professjonali tagħhom.

Or. en

Emenda 137
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. l-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-drittijiet mogħtija skond il-paragrafi 1(b) u (h) f'dak li jirrigwarda borż ta' studju u proċeduri għall-kisba ta' akkomodazzjoni pubblika għall-każijiet fejn id-detentur ta' Karta Blu ta' l-UE ilu joqgħod jew għandu d-dritt li joqgħod fit-territorju tiegħu għal minimu ta' tliet snin.	***imħassar***

Or. it

Emenda 138
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-drittijiet mogħtija skond il-paragrafi 1(b) u (h) f'dak li jirrigwarda borż ta' studju u proċeduri għall-kisba ta' akkomodazzjoni pubblika għall-każijiet fejn id-detentur ta' Karta Blu ta' l-UE ilu joqgħod jew għandu d-dritt li joqgħod fit-territorju tiegħu għal minimu ta' tliet snin.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva dwar il-Karta l-Blu għandha tkun konformi mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istatus legali tal-ħaddiema migranti (ETS 93 tal-24.XI.1977), li jipprovdi għal trattament ugwali ma' ċittadini nazzjonali fir-rigward tal-aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-assistenza soċjali u medika.

Emenda 139
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. l-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-drittijiet mogħtija skond il-paragrafi 1(b) u (h) f'dak li jirrigwarda borż ta' studju u proċeduri għall-kisba ta' akkomodazzjoni pubblika għall-każijiet fejn id-detentur ta' Karta Blu tal-UE ilu joqgħod jew għandu d-dritt li joqgħod fit-territorju tiegħu għal minimu ta' tliet snin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 140
Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-detenituri ta' Karta Blu tal-UE għandhom jissodisfaw ukoll l-obbligu ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jintegraw, li huwa stipulat mill-Istat Membru li l-ħaddiema jkunu residenti fih. F'pajjiżi fejn miżuri ta' integrazzjoni bħal dawn ikunu meħtieġa, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lid-detenituri tal-Karta Blu tal-UE biex jieħdu sehem fil-proġetti ta' integrazzjoni nazzjonali, sabiex tiġi stimulata l-integrazzjoni tad-detenituri tal-Karta Blu tal-UE fis-soċjetà tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa kors ta' introduzzjoni biex tinforma lid-detenituri tal-Karta Blu tal-UE dwar l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex tistimula l-involviment u l-parteċipazzjoni tad-Detenituri tal-Karta Blu u tal-familji tagħhom fis-soċjetajiet tal-UE u fis-soċjetajiet nazzjonali.

Or. en

Emenda 141
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol	***imħassar***

f'dak li jirrigwarda għajnuna soċjali għall-każijiet fejn id-detentur ta' Karta Blu ta' l-UE ingħata status ta' resident tal-KE għal żmien twil skond l-Artikolu 17.

Or. it

Emenda 142
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(4) ta' l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2003/86/KE, il-permessi ta' residenza għall-membri tal-familja jingħataw mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.	3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(4) tal-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2003/86/KE, il-permessi ta' residenza għall-membri tal-familja ***jingħataw kemm jista' jkun malajr u fl-istess waqt tad-deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-Karta Blu tal-UE, u f'kull każ*** mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

Or. it

Emenda 143
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(4) ta' l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2003/86/KE, il-permessi ta' residenza *għall-**membri tal-familja*** jingħataw ***mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni***.	3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(4) tal-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2003/86/KE, il-permessi ta' residenza *għad-**detenituri tal-Karta Blu tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom** għandhom* jingħataw ***fl-istess żmien***.

Or. en

Emenda 144
Ioannis Varvitsiotis

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 - paragrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) residenza legali u kontinwa bħala detentur ta' Karta Blu ta' l-UE fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn tkun ippreżentata l-applikazzjoni għal permess ta' residenza tal-KE għat-tul ***sentejn*** immedjatament qabel il-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni.	(b) residenza legali u kontinwa bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE fit-territorju tal-Istat Membru fejn tkun ippreżentata l-applikazzjoni għal permess ta' residenza tal-KE għat-tul ***ta' tliet snin*** immedjatament qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ta' min iqis li jaf ikun siewi li t-terminu għall-kisba tal-istatus ta' resident fit-tul jiżdied għal tliet snin.

Emenda 145
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2003/109/KE, l-Istati Membri ***għandhom*** iġeddu b'24 xahar il-perjodu ta' assenza permess lil detentur ta' Karta Blu ta' l-UE u tal-membri tal-familja tiegħu/tagħha li ngħataw status ta' residenti tal-KE għat-tul mit-territorju tal-Komunità.	4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2003/109/KE, l-Istati Membri ***jistgħu*** *jġeddu* b'24 xahar il-perjodu ta' assenza permess lil detentur ta' Karta Blu tal-UE u tal-membri tal-familja tiegħu/tagħha li ngħataw status ta' residenti tal-KE għat-tul mit-territorju tal-Komunità.

Or. es

Emenda 146
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-derogi mid-Direttiva 2003/109/KE stipulati fil-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw biss f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jista' jippreżenta evidenza li hu/hi kien assenti mit-territorju tal-Komunità biex jeżerċita attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegat jew impjieg għal rasu, jew biex iwettaq servizz volontarju jew biex jistudja ***fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha***.	5. Id-derogi mid-Direttiva 2003/109/KE stipulati fil-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw biss f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jista' jippreżenta evidenza li hu/hi kien assenti mit-territorju tal-Komunità biex jeżerċita, ***fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu/tagħha,*** attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegat jew impjieg għal rasu, jew biex iwettaq servizz volontarju jew biex jistudja. ***Dan għandu jħeġġeġ il-mobilità ċirkulari ta' dawn il-professjonisti, kif ukoll l-involviment sussegwenti tal-istess ħaddiema migranti f'attivitajiet ta' taħriġ, ta' riċerka u tekniċi fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.***

Or. es

Emenda 147
Ona Juknevičienė

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1***. Wara sentejn ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru*** bħala detentur ta' Karta Blu ta' l-UE, il-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħataw permess jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor minbarra l-ewwel Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.	1. Bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħataw permess jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor minbarra l-ewwel Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 148
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara sentejn ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru bħala detentur ta' Karta Blu ta' l-UE, il-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħataw permess jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor minbarra l-ewwel Stat Membru għall-iskop ta' impjieg ***bi kwalifiki għolja*** taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.	1. Wara sentejn ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħataw permess jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor minbarra l-ewwel Stat Membru għall-iskop ta' impjieg taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 149
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara sentejn ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru bħala detentur ta' Karta Blu ta' l-UE, il-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħataw permess jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor minbarra l-ewwel Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.	1. Bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħataw permess jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor minbarra l-ewwel Stat Membru għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għolja taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' stennija ta' sentejn għall-mobilità fl-UE żgur ma jgħinx biex l-UE ssir iżjed attraenti għal ħaddiema bi kwalifiki għolja.

Emenda 150
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mhux iktar tard minn xahar wara d-dħul fit-territorju tat-tieni Stat Membru, id-detentur ta' Karta Blu ta' l-UE għandu jinnotifika l-preżenza tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u jippreżenta d-dokumenti kollha li jippruvaw li hu/hi jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-***Artikoli 5 u 6*** għat-tieni Stat Membru.	2. Mhux iktar tard minn xahar wara d-dħul fit-territorju tat-tieni Stat Membru, id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jinnotifika l-preżenza tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u jippreżenta d-dokumenti kollha li jippruvaw li hu/hi jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-***Artikoli 5*** għat-tieni Stat Membru.

Or. en

Emenda 151
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 3 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***joħroġ*** Karta Blu ta' l-UE u jippermetti lill-applikant jirresjedi fit-territorju tiegħu għal skop ta' impjieg bi kwalifiki għolja jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu huma sodisfatti u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 8-15.	(a) ***iġedded*** Karta Blu tal-UE u jippermetti lill-applikant jirresjedi fit-territorju tiegħu għal skop ta' impjieg bi kwalifiki għolja jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu huma sodisfatti u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 8-15;

Or. en

Emenda 152
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 3 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirrifjuta li ***joħroġ*** Karta Blu ta' l-UE u jobbliga lill-applikant u l-membri tal-familja tiegħu, skond il-proċeduri pprovduti mil-liġi nazzjonali, inkluż il-proċeduri ta' tkeċċija, biex jitlaq mit-territorju tiegħu jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu m'humiex sodisfatti. L-ewwel Stat Membru għandu jdaħħal immedjatament u mingħajr formalitajiet id-detentur tal-Karta Blu ta' l-UE u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 japplikaw wara d-dħul mill-ġdid.	(b) jirrifjuta li ***jġedded*** Karta Blu tal-UE u jobbliga lill-applikant u l-membri tal-familja tiegħu, skond il-proċeduri pprovduti mil-liġi nazzjonali, inkluż il-proċeduri ta' tkeċċija, biex jitlaq mit-territorju tiegħu jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu m'humiex sodisfatti. L-ewwel Stat Membru għandu jdaħħal immedjatament u mingħajr formalitajiet id-detentur tal-Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 japplikaw wara d-dħul mill-ġdid.

Or. en

Emenda 153
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant ikun responsabbli għall-ispejjeż relatati mar-ritorn u d-dħul mill-ġdid tiegħu/tagħha u tal-membri tal-familja, inkluż bir-rimbors ta' l-ispejjeż li tħallsu mill-finanzi pubbliċi fejn applikabbli, skond il-paragrafu 3(b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 154
Inger Segelström

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant ikun responsabbli għall-ispejjeż relatati mar-ritorn u d-dħul mill-ġdid tiegħu/tagħha u tal-membri tal-familja, inkluż bir-rimbors ta' l-ispejjeż li tħallsu mill-finanzi pubbliċi fejn applikabbli, skond il-paragrafu 3(b).	***imħassar***

Or. sv

Emenda 155
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw il-volumi ta' dħul kif speċifikat fl-Artikolu 7.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Miżuri li jirristringu jew jeliminaw il-possibilità li detenitur tal-Karta Blu tal-UE jkun jista' jaħdem fi Stat Membru ieħor ixekklu l-objettiv ta' din il-proposta.

Emenda 156
Emine Bozkurt, Esther De Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	1. Wara 24 xahar ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru bħala detenitur tal-Karta Blu tal-UE, il-persuna kkonċernata għandha titħalla tagħmel xogħol ta' kwalifiki għolja fi Stat Membru ieħor waqt li tkun residenti fl-ewwel Stat Membru. L-impjieg fit-tieni Stat Membru għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru.
	2. B'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 12, it-tieni Stat Membru għandu jipproċessa l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal impjieg transkonfinali bi kwalifiki għolja, u għandu jinforma lill-applikant bil-miktub dwar id-deċiżjoni li: ***(a) jew joħroġ l-awtorizzazzjoni u jippermetti lill-applikant li jagħmel xogħol ta' kwalifiki għolja fi ħdan it-territorju tiegħu jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5, bl-eċċezzjoni ta' paragrafu 1(d), ikunu ssodisfati, u bil-kundizzjoni li l-applikant ikun ippreżenta dokument ta' vvjaġġar validu, kif iddeterminat mil-liġi nazzjonali, u Karta Blu tal-UE maħruġa mill-ewwel Stat Membru, jew,*** ***(b) jirrifjuta l-awtorizzazzjoni jekk:*** ***- il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2(a) ma jkunux ġew issodisfati, jew,*** ***- id-dokumenti ppreżentati jkunu nkisbu bi fordi, jew iffalsifikati, jew imbagħbsa, jew,*** ***- il-volumi ta' dħul ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu impjieg ta' kwalifiki għolja, kif iddeterminat mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7, ikun***

inqabeż, jew,
- jekk il-kriterji għar-rifjut stipulati fl-Artikolu 9(2) jkunu applikabbli, jew,
- jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(4), (5) jew (6) ikunu applikabbli.
3. Il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni jista' jkun limitat għal dak tal-Karta Blu tal-UE maħruġa mill-ewwel Stat Membru.
4. L-Istati Membri għandhom jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu awtorizzazzjoni maħruġa abbażi tal-paragrafu 2(a) fil-każi li ġejjin:
(a) meta din tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew iffalsifikata jew imbagħbsa, jew,
(b) meta jkun jidher li d-detenitur ma jkunx jissodisfa jew li ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2(a) ta' dan l-Artikolu.
5. Il-vjaġġaturi li jkollhom il-Karta Blue tal-UE għandhom igawdu mill-istess trattament taċ-ċittadini tal-ewwel Stat Membru li jivvjaġġaw lejn it-tieni Stat Membru fir-rigward ta' dawk imsemmija fl-Artikolu 15.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiġbed l-attenzjoni għall-għażla tal-ivvjaġġar transkonfinali. Wara residenza legali ta' sentejn fl-ewwel Stat Membrum, detenitur tal-Karta Blu tal-UE jista' jippreferi jaħdem fit-tieni Stat Membru filwaqt li jibqa' residenti tal-ewwel Stat Membru. Minn perspettiva privata, jista' jkun hemm diversi raġunijiet għala l-ivvjaġġar transkonfinali jkun għażla mixtieqa, bħal raġunijiet finanzjarji, disponibilità ta' akkomodazzjoni u l-integrazzjoni tal-familja fil-komunità lokali. Din is-sitwazzjoni tista' tiġri, b'mod partikulari, fir-reġjuni konfinali tal-Istati Membri.

Emenda 157
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet fejn Stat Membru jiddeċiedi li japplika r-restrizzjonijiet dwar aċċess għas-suq tax-xogħol previst fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/109/KE, tingħata preferenza għad-detenturi tal-permess ta' residenza "resident tal-KE għat-tul / detentur tal-Karta Blu ta' l-UE" fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-residenza hemmhekk għall-istess skopijiet.	2. F'każijiet fejn Stat Membru jiddeċiedi li japplika r-restrizzjonijiet dwar aċċess għas-suq tax-xogħol previst fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/109/KE, tingħata preferenza għad-detenturi tal-permess ta' residenza "resident tal-KE għat-tul / detentur tal-Karta Blu tal-UE" fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-residenza hemmhekk għall-istess skopijiet ***f'sitwazzjonijiet żewġ kandidati jew iżjed ikunu ikkwalifikati tajjeb b'mod indaqs għall-impjieg***.

Or. en

Emenda 158
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull tliet snin, u għall-ewwel darba mhux iktar minn [tliet snin wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi kwalunkwe emendi li huma neċessarji.	Kull tliet snin, u għall-ewwel darba mhux iktar minn [tliet snin wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi kwalunkwe emendi li huma neċessarji***, anke b'konnessjoni ma' azzjoni li tissielet l-eżodu tat-talent.***

Or. es

Emenda 159
Esther De Lange u Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Kapitolu V - titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Residenza fi Stati Membri oħra	Residenza ***u impjieg*** fi Stati Membri oħra

Or. en